SANTA LUĊIJA

Minuti

It-Tmien Leġislatura

Laqgha Numru 31/2021

20 ta' Awwissu, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.00 p.m.

PREŻENTI:

Charmaine St John – Sindku

Frederick Cutajar – Viċi Sindku

Terrence Ellul – Kunsillier

Kylie D'Amato - Kunsilliera

Liam Sciberras – Kunsillier

Uffiċċjal Preżenti – Doris Baldacchino – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti:

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa

31.1. **Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

31.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 30-2021**

Il-Minuti tal-laqgħa numru 30-21 ġew approvati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John u ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar.

31.2.1 Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras staqsa jekk ref punt 30.6 (disinn drip irrigation) kienx hemm xi update mill-aħħar laqgħa. Is-Sindku kkonfermat li l-kuntratt kien għadu fi stadju ta' proċedura u kif kienu ftehmu fil-laqgħa minn kien ser jirbaħ il-kuntratt kellu jikkordina x-xogħolijiet flimkien ma Parks Malta.

31.2.2 Il-kunsillier Dr Liam Sciberras qal li ref punt 30.4.8 (patching Triq Maria De Domenicis) huwa kien qal li l-patching ma kienx sar *up to standard.*

31.2.3 Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras qal li kien jieħu gost li kieku l-Kunsill jgħid li ref punt 30.4.7 (skema tal-Housing tal-Gvern) li issa x-xogħolijiet ta' manutenzjoni fuq binjiet tal-*housing* kienu ser isiru b'insistenza tal-Kunsill. Is-Sindku u l-Viċi Sindku qalu li din kienet skema tal-Gvern u kien l-Gvern Ċentrali li ddeċieda li jagħmel manutenzjoni fuq barra kif ukoll fuq ġewwa tal-binjiet tal-Gvern.

31.2.4 Il-kunsillier Dr Liam Sciberras irringrazzja lill-Kunsill tat-transcript li kienet tnizzlet hekk kif kien talab fil-laqgħa preċedenti.

**31.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru CM 31-21 għal perjodu bejn 30 ta' Lulju, 2021 sad-19 ta' Awwissu, 2021 u minn ċekk numru BOV 8349 sa cekk numru BOV 8359 u minn *Bank Transfer* 177/21 sa 192/21.

**31.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

31.4.1 **Deletion and New User BOV 24 x 7**

Is-Sindku qalet li peress li l-iskrivana li kienet taċċessa l-BOV 24 x 7 issa kienet ser tirtira kien jinħtieġ li l-Kunsill jgħaddi reżoluzzjoni sabiex ikollna skrivana oħra li ikollha l-awtorita' li tuża l-BOV 24 x 7 u tkun tista' tagħmel ix-xogħol li kienet tagħmel l-iskrivana ta' qabilha. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nawtorizzaw skrivana oħra sabiex tkun tista' tagħmel dan ix-xogħol.

31.4.2 **Lezzjonijiet tal-Yoga**

Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex persuna tibda tagħmel l-lezzjonijiet tal-yoga b'xejn lir-residenti tal-lokal u lill-instructor iħallasha l-Kunsill l-ammont ta' 20 Euro kull lezzjoni. Il-Kunsill approva sabiex isiru dawn il-lezzjonijiet preferibilment filghaxija.

31.4.3 **Mistoqsija mill-Kunsilliera Kylie D'Amato**

Is-Sindku ressqet kommunikazzjoni mibgħut mill-Kunsilliera Kylie D'Amato fejn kienet qed issaqsi rigward fondi li kien applika l-kunsill sabiex jitranġaw il-playing fields. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien għadu qed jistenna sabiex jara jekk kienx ibbenifika minn din l-iskema.

31.4.4 **Mistoqsija mill-Kunsilliera Kylie D'Amato**

Is-Sindku ressqet kommunikazzjoni oħra mibgħuta mill-Kunsilliera Kylie D'Amato fejn kienet qed issaqsi rigward l-użu tal-Annex, binja li fil-fehma tagħha għandu potenzjal kbir u jista' jintuża aħjar. Il-Kunsill iddiskuta l-istat li kien fih l-annex jiġifieri li l-parti ta' quddiem kienet qed tintuża bħala *compjuter room* filwaqt li wara kien qed jintuża bħala store. Il-Kunsill iddibattita u qabel li sabiex l-annex ikun fi stat li jista' jibda jintuża għal skopijiet oħra għandna nitolbu kwotazzjoni sabiex jiġi nstallat tarag lift sabiex din il-binja kif ukoll l-uffiċċini tal-kunsill ikunu aċċessibbli għak kulħadd.

31.4.5 **Proġett 3 Will**

Is-Sindku ressqet ukoll komunikazzjoni mibgħuta mill-Kunsilliera Kylie D'Amato fejn kienet qed tistaqsi jekk il-Kunsill kienx ser jattendi għal Proġett 3 WILL fil-Polonja.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-fehma tagħha dan il-proġett preżentat ma kienx Town Twinning (Ġemellaġġ) u allura l-biljetti tal-ajru u l-*insurance policy* ma setgħux ikunu koperti mill-Kunsill.

Il-Kunsilliera s-sinjorina Kylie D'Amato staqsiet jekk qatt kinitx ġrat fil-Kunsill fejn ġew koperti titjiriet meta ma kinux town twinning. Hija qalet ukoll li allura l-Kunsill għandu x'ġara qabel meta ma kienx suppost.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras qal li dan il-proġett kien kontinwazzjoni ta' 2 Win u għalhekk għandu jitqies bħala ġemellaġġ.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Kylie D'Amato sostniet li għal kunsill din ma kinitx qiegħda flokha li ma jistgħux jiġu koperti u qalet li allura qabel kien qed isir ħazin.

Il-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar u l-Kunsillier is-Sur Terrence Ellul qalu li l-proġetti kollha li kienu saru meta huma kienu Sindki, kienu awditjati u approvati.

Il-Kunsill baqa' jiddiskuti u qabel li l-Kunsill għandu jsaqsi lid-dipartiment jekk dan il-proġett u proġetti simili fil-futur jistgħux ikunu koperti skond il-ligi dwar il-Ġemellaġġi.

31.4.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Kylie D'Amato staqsiet għaliex il-mistoqsijiet tagħha ġew diskussi waqt il-komunikazzjoni mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-fatt kienet ħasbet li din kienet il-proċedura fil-fatt qabel il-laqgħa kienet staqsiet lill-Kunsilier Dr Liam Sciberras liema kienu l-emails li kien ried idaħħal għal laqgħa.

31.4.7 Is-Sindku għarrfet lill-Kunsill li mit-Tnejn ta' qabel, l-Cleansing Department kellhom jibdew inaddfu t-toroq ta' Santa Luċija minflok il-Kuntrattur tal-Knis. Hija spjegat li sabiex jinkinsu t-toroq kollha ta' Santa Luċija kien hemm il-ħtieġa li mal-kwotazzjoni li kienu tawna nżidu ħaddiem ieħor b'ħames sigħat xogħol oħra biex il-prezz issa kien ser ilaħħaq €2,699.84 (Vat included) Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras qal li l-jogging track kellha bżonn tindifa għaliex kien ilha ma titnaddaf sew. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu l-kuntrattur l-ġdid sabiex titnaddaf il-jogging track.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras ssuġerixxa li l-Kunsill jgħaddi s-schedule tal-knis lir-residenti sabiex kulħadd ikun mgħarraf meta ser tinkines it-triq tiegħu. Il-Kunsill iddiskuta pero' ma kienx hemm qbil li l-Kunsill jibgħat is-schedule tan-nies bieb bieb.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Kylie D'Amato qalet li l-Kunsill jista' jiffranka l-knis għal ħaddiem ieħor billi jibgħat lill-ħaddiema li għandna assenjati mal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta x-xogħolijiet li diġa' kienu qegħdin iwettqu l-ħaddiema tal-Kunsill.

31.4.8 **Talba għal użu tal-Gnien is-Serenita'**

Il-Viċi Sindku ressaq komunikazzjoni mingħand is-Sur Guanguan Fan min-naħa tal-komunita' Ciniża fejn kienu qiegħdin jitlobu l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jużaw il-Ġnien is-Serenita' nhar il-25 ta' Settembru, 2021 bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-jum nazzjonali taċ-Ċiniżi. Il-Kunsill iddiskuta u approva din it-talba.

31.4.9 **Sejħa Segretarju Eżekuttiv**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien ħareġ is-sejħa għal Segretarju Eżekuttiv skond id-direttiva min-naħa tad-Dipartiment. Hija kkonfermat li din is-sejħa kienet ħarġet fuq il-gazzetta tal-Gvern flimkien ma tlett gazzetti lokali. Hija ssuġġerixxiet lill-Kunsill joħloq bord sabiex ikunu jistgħu isiru l-intervisti meta tagħlaq is-sejħa. Il-Kunsill qabel li l-bord ikun magħmul mis-Sindku, Viċi Sindku u l-President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali.

31.4.10 **Sejha Uffiċċjal Eżekuttiv**

Is-Sindku qalet li skond l-aħħar sejħa li kienet ħarġet għal skrivan ġdid fil-Kunsill Lokali, kienet intefgħet applikazzjoni waħda biss, kienet saret l-intervista mal-applikant u fuq deċiżjoni tal-bord kienet qed tissuġerixxi li l-Kunsill jimpjega lil dan l-applikant. Il-kunsill qabel.

31.4.11 **Lezzjonijiet Lifelong Learning Agrikoltura**

Is-Sindku qalet li min-naħa tad-Direttorat tal-Lifelong Learning tal-Agrikoltura kienu qegħdin isaqsu jekk jistgħux jagħmlu użu mill-Ġnien is-Serenita' sabiex isiru lezzjonijiet tal-*lifelong learning* dwar l-agrikoltura. Il-kunsill approva din it-talba.

31.4.12 **L-aħħar Quddiesa ex-Kappillan**

Is-Sindku fakkret lill-kunsill li l-ex Kappillan kien ser jiċċelebra l-aħħar quddiesa tiegħu nhar il-Ħadd 29 ta' Awwissu, 2021 fis-6:30pm

31.5 Rapporti

Waqt din il-laqgħa ġie pppreżentat ir-rendikont tal-ħidma għax xahar ta' Awwissu marbuta mas-servizz tal-Contracts Manager tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Terrence Ellul gie skużat mil-laqgħa 6.33pm.

31.6 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

31.6.1 Is-Sindku ressqet il-mistoqsijiet mill-Kunsillier Dr Liam Sciberras:

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras bagħat komunikazzjoni fejn talab għal pjanti tal-proġett li ser isir fi Sculpture Garden. Is-Sindku qalet li sa issa l-Kunsill ma kellux pjanti u qalet li l-Kunsill kien ser jitlob lill-Parkis Malta ghall-istess pjanti.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras bagħat komunikazzjoni fejn talab sabiex isir installazzjoni ta' bozoz ġodda fi Triq Għorghar u Triq nuber. Is-Sindku qalet li din it-talba nistgħu nitolbu l-kuntrattur tad-dawl sabiex naraw jekk hemmx il-ħtiega li nzidu l-lampi tad-dawl.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras bagħat komunikazzjoni fejn staqsa meta kienu qegħdin jissaqqew is-siġar fil-jogging track. Is-Sindku qalet li t-tisqija kien qed isir minn kuntrattur mqabbad entita' governattiva u hija kienet qed tfakkarhom minn **ż**mien għal **ż**mien.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras talab ukoll l-pjanti tas-Civic Centre. Is-Sindku qalet li dawn diga' kienet għaddiethom lill-Kunsill u li kienet ser terga tibgħathomlhom.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras talab ukoll id-dati tal-applikazzjonijiet għan-nomini ta gieħ Santa Luċija. Is-Sindku qalet li suppost din il-laqgħa kellha ssir wara l-laqgħa preċedenti li spiċċat ma saritx. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna naraw il-proċeduri u nibagħtuhom lill-Kunsilliera u tissejjaħ laqgħa apposta.

Il-Kunsill kompla jiddiskuti xi komunikazzjoni mibgħuta mill-Kunsillier Dr Liam Sciberras.

**31.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-7.45pm Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 30 ta' Settembru, 2021 fil-5.00pm. Konfermati illum il-___________, ta' ___________2021.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Charmaine St John | Doris Baldacchino |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

`